MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 411/2013

**Ciappara Eugenio**
**ID741558-(M)**

**vs**

**Farrugia Charles**
**ID437556-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab illi l-konvenut ghandu jigi ordnat li jhallas is-somma ta’ elfejn, disa’ mija, hamsa u ghoxrin ewro (€2,925) mitluba mill-attur liema somma tirraprezenta l-prezz ta’ balavostri li gew ordnati minn u konsenjati lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju li gie prezentat kontestwalment, flimkien ma’ l-imghax mid-19 ta’ Lulju, 2011 li hija d-data tal-konsenja kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-intimat jeccepixxi l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili; in linea preliminari wkoll u bla pregudizzju ghall-premess, l-intimat jeccepixxi li huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur ta' dawn it-talbiet u ghaldaqstant ghandu jigi mehlus mill-harsien tal-gudizzju fil-konfront tieghu stante li huwa kien qieghed jagixxi qua rapprezentant tas-Socjeta' Farstone Construction & Restoration Limited (C30589) u mhux f'ismu proprio; salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni in subizzjoni tal-attur.

Ra l-verbal tas-seduta tal-4 ta' April, 2014, li in forza tieghu t-Tribunal ordna l-inverzjoni tal-provi u dan fid-dawl tal-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenut.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-Trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi din is-Sentenza tittratta dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, u cioe' illi li t-talba tal-attur hija preskritta u li l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur.

Illi l-konvenut iddikjara illi l-ordni li saret minnu ghal balavostri minghand l-attur saret minnu fil-kwalita' tieghu ta' direttur tas-Socjeta' Farstone Construction and Restoration Limited. Il-konvenut iddikjara li hu kien direttur ta' din is-Socjeta' kummercjali, izda madwar sena ilu ma baqax involut fil-gestjoni taghha. Illi l-balavostri in kwistjoni gew ordnati fil-bidu tas-sena 2011, u gew ikkonsenjati u mqieghda f'posthom ghall-habta ta' Lulju, 2011, u dan anke kif jirrizulta minn annotament illi sar minn iben il-konvenut f'djarju li kien izomm dwar ix-xoghol li kien qed jigi mwettaq, li estratt ossia kopja tieghu tinsab esebita a fol.32 tal-atti. L-istess konvenut isostni illi l-ordni tal-balavostri saret minnu fuq istruzzjonijiet li rcieva minghand ibnu, u dan minkejja l-fatt illi fiz-zmien meta saret din l-ordni, il-konvenut kien l-uniku diretur tas-Socjeta' Farstone Construction and Restoration Limited. Hu jsostni illi ma kienx attiv fil-gestjoni tan-negozju, u dan minhabba ragunijiet ta'

sahha, izda kien qieghed jghin lil ibnu. Illi dwar il-hlas dovut ghal din l-ordni, il-konvenut iddikjara li ma jafx jekk giex imwettaq il-hlas, u ddikjara wkoll illi ma jiftakarx li qatt ra fattura relattiva ghal din l-ordni. Illi dwar fatturi ohra precedenti li ntbaghu mill-attur, il-hlas taghhom kien sar minn ibnu. Illi d-diffikulta’ li rrizultat dwar din l-ordni kienet konsegwenza tal-fatt illi l-prezz mitlub mill-attur kien gholi wisq, u ghalkemm il-balavostri gew ikkonsenjati u mqieghda f’posthom, il-konvenut u ibnu ma accettawhomx, u ghalhekk intbaghtu lura ftit taz-zmien wara li huma rcivew il-kont minghand l-attur.

Illi l-attur iddikjara illi l-balavostri li gew ordnati mill-attur kienu kemmxejn partikolari f’dak li jirrigwarda d-daqs u l-forma taghhom; illi l-konvenut kien mar personalment ghand l-attur sabiex jaghmel l-ordni, u qabel kollox, talab stima ta’ dawn il-balavostri li kellhom jinhadmu mill-attur. Illi l-hlas mitlub permezz ta’ din il-kawza jittratta dwar konsenja ta’ balavostri ta’ diversi qisien, li gew ikkonsenjati lkoll fl-istess post. Iddikjara wkoll illi wara li saret il-konsenja, il-konvenut informah illi l-kont kien gholi wisq u anke bghat xi balavostri lura ghand l-attur, li madanakollu ma accettahomx, ghaliex ma kienx xoghol mahdum minnu. Illi dwar is-Socjeta’ Farstone Construction and Restoration Limited iddikjara li kien biss ricentement illi sar jaf dwarha. Illi dwar iz-zmien meta saret il-konsenja, l-attur iddikjara li ma jiftakarx meta saret.

Ikkunsidra,

Illi l-ewwel eccezzjoni li ser tigi trattatta hija dik dwar il-preskrizzjoni, u cioe’ jekk it-talba ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn, disa’ mija, hamsa u ghoxrin ewro (€2,925) avanzata mill-attur hijiex preskritta bit-terminu ta’ tmintax (18)-il xahar, u dan ai termini tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi mix-xhieda li nghatat f’dawn il-proceduri rrizulta illi l-ordni saret fil-bidu tal-2011, u l-konsenja saret f’Lulju tal-isress sena; dan irrizulta in bazi ta’ informazzjoni li nghatat mill-konvenut, u li ma gietx kontradetta mill-attur, li anzi fl-Avviz tat-Talba indika specifikament illi l-konsenja saret fid-19 ta’ Lulju, 2011. Illi ghalhekk u tenut kont tal-fatt illi l-hlas li qed jintalab mill-attur lill-konvenut jittratta dwar xoghol ta’ gebel imwettaq mill-istess attur, allura tali xogholijiet jinkwadraw ruhhom fid-disposizzjoni tal-Ligi dwar preskrizzjoni indikata mill-konvenut fir-risposta tieghu. Illi dwar it-terminu preskrittiv ta’ tmintax (18)-il xahar, u tenut kont illi l-konsenja tal-oggetti saret fid-19 ta’ Lulju, 2011 filwaqt illi l-azzjoni giet proposta fil-11 ta’ Lulju, 2013, allura jsegwi illi l-azzjoni odjerna ghandha tigi meqjusa bhala preskritta. Madanakollu, jkun opportun illi ssir

referenza ghas-sottomissjoni li saret mill-abbli difensur tal-attur, li rrileva illi gialadarba l-konvenut iddikjara li l-ammont ma giex imhallas ghaliex rah gholi, u mhux ghaliex ma kienx dovut, allura tali dikjarazzjoni ghandha xxejjen l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Illi l-konvenut iddikjara li hu kkontesta l-ammont dovut, ghaliex deherlu li kien gholi, hekk kif l-attur ghaddielu karta – li ma kienitx fattura – li fuqha kien hemm indikat il-prezz. L-istess konvenut, meta mbaghad gie mistoqsi kemm kellu jkun il-prezz ghal dawn il-balavostri li gew mahduma mill-attur, iddikjara in kontroezami li kellhom ikunu erbatax-il ewro (€14) il-wahda. Illi l-konvenut iddikjara illi minhabba l-fatt illi l-prezz kien gholi, hu ried li jrodd lura dawn il-balavostri lill-attur, izda dan tal-ahhar ma accettahhomx.

Illi minn din id-deposizzjoni jirrizulta illi effettivament l-attur ikkonsenja l-balavostri, u ghalkemm kien hemm tentattiv sabiex dawn jinghataw lura, dawn ma gewx accettati mill-attur. Mill-atti processwali ma jirrizultax illi tali balavostri gew depozitati taht l-awtorita' tal-Qorti kompetenti, u ghalhekk ghandu jsegwi - ladarba ma rrizultax mod iehor - illi dawn ghadhom *in situ* fejn gew ikkonsenjati u mqieghda. Illi gialadarba tali konsenja giet imwettqa u accettata, u gialadarba l-kontestazzjoni ma kienitx dwar l-oggetti per se izda dwar il-prezz mitlub, allura s-sottomissjoni tal-attur li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet imxejjna b'tali accettazzjoni tal-oggetti in kwistjoni, hija wahda valida u dan ghaliex il-kontestazzjoni tal-konvenut hija allura limitata ghall-ammont mitlub, u dan fis-sens illi fil-fehma tal-konvenut il-prezz dovut huwa inferjuri ghal dak mitlub mill-attur. Illi ghalhekk fid-dawl tad-deposizzjoni tal-konvenut il-kontestazzjoni m'hijiex illi ebda ammont ma huwa dovut, izda li se mai huwa dovut ammont inqas minn dak mitlub.

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsderazzjonijiet, l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut qed tigi respinta.

Illi dwar l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut li mhux il-legittimu kontradittur, u dan ghaliex l-ordni ghall-balavostri saret mill-konvenut ghan-nom tas-Socjeta' Farstone Construction & Restoration Limited, l-istess konvenut isostni illi hu kien 'gia ghamel negozju mal-attur precdentement, u li ghalhekk l-attur kien jaf illi l-konvenut kien jagixxi ghan-nom ta' Socjeta' kummercjali. Illi sabiex isostni dan l-argument, il-konvenutipprezenta kopja ta' diversi cheques li gew rilaxxjati mis-Socjeta' kummercjali msemmija a favur l-attur jew martu, liema cheques nhargu lkoll fl-2004 (a fol.44 *et seq* tal-atti). Illi l-istess konvenut iddikjara illi hu ma kienx baqa' attiv fil-gestjoni tas-Socjeta' kummercjali in kwistjoni, u li

ricentement, madwar sena ilu, irrizenja minn direttur fi hdan din is-Socjeta'. Il-konvenut isostni illi ghalkemm hu kien direttur f'din il-kumpanija, hu kien qieghed jghin lil ibnu fit-twettiq tax-xoghol, u meta mar jaghmel l-ordni ghand l-attur, dan kien fuq struzzjonijiet ta' ibnu u ghan-nom tas-Socjeta' kummercjali msemmija. Illi ghalhekk il-konvenut isostni 'lli din l-ordni li saret minghand l-attur ma kienitx qed issir minnu personalment, izda ghan-nom tas-Socjeta' Farstone Construction & Restoration Limited, u li ghalhekk hu fil-kwalita' personali tieghu ma huwiex il-legittimu kontradittur.

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta illi minkejja dak li gie dikjarat mill-konvenut li hu kien qieghed jagixxi fuq struzzjonijiet ta' ibnu u kien qed semplicement jassistih, irrizulta illi kien il-konvenut li mar personalment sabiex jottjeni stima u jaghmel l-ordni minghand l-attur, oltre l-fatt illi meta l-attur mar fuq il-post fejn gew ikkonsenjati l-balavostri sabiex jitlob il-hlas ghalihom, kien sab lill-istess konvenut fuq il-lant tax-xoghol. Illi ghalhekk kien l-istess konvenut li nghata l-karta li in bazi taghha l-attur kien qed jitlob il-hlas, u kien l-istess konvenut li kkummenta li ra l-kont gholi. L-istess konvenut iddikjara li eventwalment kienu bghatu l-balavostri lura lill-attur, izda dan ma accettahomx. Illi minn tali deposizzjoni jirrizulta illi l-konvenut kien edott dwar dak kollu li kien ghaddej dwar din il-konsenja, u mhux kif qed jittenta li jaghti l-impressjoni, u cioe' li semplicement kien qed jagixxi sabiex jassisti lil ibnu.

Illi dwar l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut li meta saret din l-ordni hu ma kienx qed jagixxi fil-kwalita' personali tieghu, izda ghan-nom tas-Socjeta' Farstone Construction and Restoration Limited, ikun opportun illi ssir referenza ghall-gurisprudenza in materja, fejn il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Legend Real Estate Limited vs Ron Chetcuti** mghotija fl-20 ta' Ottubru, 2003 iddikjarat illi: "*... Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-Socjeta' attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-Socjeta' attrici f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabilita' ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta.*" Illi dan l-insenjament huwa riportat fid-decizjoni tal-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Camel Brand Co. Ltd vs Michael Debono pro et noe** deciza fis-7 ta' Ottubru, 2005.

Illi kif gie rilevat f'dawn is-sentenzi hawn fuq citati, il-piz tal-prova li min ikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni. Illi l-fatt illi l-konvenut ipprezenta varji kopji ta' *cheque images* intestati lill-attur u lil martu rilaxxjati mis-Socjeta' kummercjali Farstone Construction and Restoration Limited, mhux necessarjament iwassal ghall-konvinzjoni illi anke din l-ordni specifika saret mis-Socjeta' kummercjali msemmija. Illi effettivament l-istima li giet imhejjija mill-attur, u li kopja taghha tinsab esebita a fol.38 tal-atti, inharget fl-isem ta' "Charles Materazz", li l-konvenut iddikjara illi huwa l-laqam tieghu u li bih huwa mgharuf, u m'hemm ebda referenza ghas-Socjeta' kummercjali indikata. Illi ghalhekk u fin-nuqqas ta' provi li l-ordni mertu ta' din l-azzjoni saret mis-Socjeta' kummercjali indikata mill-konvenut, it-Tribunal ma jistax jakkolji l-eccezzjoni sollevata mill-istess konvenut li ma huwiex il-legittimu kontradittur, u ghalhekk ser jghaddi sabiex jichad din l-eccezjoni.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni illi l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur, kif ukoll jichad l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni, jordna l-proseguiment tas-smigh tal-kawza fuq il-mertu.

Jirrizerva li jipprovdi dwar il-kap tal-ispejjez fis-sentenza finali.

## < Sentenza In Parte >

-------------------------------TMIEM-------------------------------